**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Antoine Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 70/2013**

Illum, 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Antoine Borg, ta' 30 sena, iben Anthony u Philippa nee' Seguna, imwieled fid-29 ta' Novembru, 1982 u residenti 'Villa Los Angeles', Triq Zejni, Swieqi, detentur ta' karta tal-identita' 68382(M):

Talli f'Gunju 2012 u ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' katar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Michael Galea & Sons Ltd. u/jew Michael Galea ID 99070M;

U aktar talli, sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversement preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a. Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bid-delitt ta' truffa.

Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le

ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)[1].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[2] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[3].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[4].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[5]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta'*

[1] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[2] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[3] Op cit pagna 357
[4] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[5] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….″*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi applikati dawn l-insenjamenti ghall-provi prodotti jirrizulta li din l-imputazzjoni tinsab pjenament ippruvata. Il-fatti li wasslu ghall-vertenza odjerna huma pjuttost semplici: L-imputat Antoine Borg hareg zewg cekkijiet lil Michael Galea and Sons Ltd f'zewg dati separati liema cekkijiet ma ssarfux meta Michael Galea pprova jsarrafhom. L-ewwel cekk kien ghall-ammont ta' €100 fl-14 ta' April 2012[6] u dan kien hargu sabiex ihallas prezz ta' diesel. Minn dan ic-cekk jirrizulta li kien kont li jappartjeni lil Dead Sea Company Limited. Ic-cekk l-iehor li huwa datat 9 ta' Gunju 2012 kien fl-ammont ta' €5,300 kien intiz ghall-hlas ta' hydraulic hammer li l-imputat mar jixtri minghand Michael Galea and Sons Limited. Minn dan ic-cekk jirrizulta li kien kont li jappartjeni lil KJF Investment Limited. Infatti Michael Galea[7] xehed li l-imputat mar darbtejn ghandu. L-ewwel darba mar jistaqsi kellhomx hydraulic breaker hammer li tintuza' ma' makkinarju. Dakinhar tkellmu wkoll dwar

---

[6] A fol 35 tal-process
[777] Seduta tas-17 ta' Gunju 2015

prezzijiet. Imbaghad mar darb'ohra, kien akkumpanjat minn persuna ohra, u ghenuh ighabbi l-martell rikjest, l-imputat dahal fl-ufficcju u ta cekk lil Michael Galea  fl-ammont li kien diga' miftiehem u kompla jimlih l-istess Galea.

Michael Galea jixhed li wara li c-cekk ma ssarrafx beda jcempel fuq in-numru tal-mowbajl li kien hemm imnizzel fuq wara tal-istess cekk izda hadd ma beda jwiegeb u ghalhekk iddecieda li jaghmel rapport fl-ghassa tal-Mosta. Induna wkoll li kellhom cekk iehor meta ntuzat il-pompa tal-petrol u ra li n-numru tal-mowbajl fuq iz-zewg cekkijiet kien l-istess. Fil-mori tal-kawza l-imputat hallas dak kollu li kien dovut lill-kumpanija.

Min-naha tieghu l-imputat irrilaxxja stqarrija kif ukoll xehed f'dawn il-proceduri. L-imputat jispjega li huwa jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u kien ghamel xoghol lil certu Khaled Nawafleh li kellu jaghtih ammont sostanzjali ta' flus ghax-xoghol tieghu. Dan Nawafleh kien ihallsu b'cekkijiet. Nawafleh kien jikteb fuq ic-cekkijiet id-data u l-ammont kif ukoll il-firem. Antoine Borg imbaghad kien ihallas b'dawn ic-cekkijiet. L-imputat isostni li fil-bidu dawn ic-cekkijiet kienu jissarfu bla problemi izda meta beda diehel iz-zmien dawn ic-cekkijiet ma bdewx jissarfu. Huwa jsostni li ma kienx jaf li dawn ic-cekkijiet ma kienux se jissarfu meta hallas bihom lil Michael Galea and Sons Limited. Huwa kkonferma li l-hydraulic hammer uzah sabiex iqatta fond u fl-istqarrija rilaxxjata fid-29 ta' Awwissu 2012 iddikjara li kien se jhallas lill-kumpanija.

Illi din il-Qorti ma temminx lill-imputat meta dan isostni li huwa ma kienx jaf li c-cekkijiet ma kienux qeghdin jigu onorati. Jigi nnutat li dawn ic-cekkijiet inhargu fuq medda ta' ftit gimghat wiehed minn iehor.  L-imputat ma jindikax il-perjodi meta c-cekkijiet kienu jissarfu bla problemi u meta ma bdewx jissarfu. Ma jistax ikun li fil-frattemp ta' xahrejn ma ndunax li kien hemm problema bic-cekkijiet. Inoltre' il-*modus operandi* tal-imputat jikkonvinci lill-Qorti li kien jaf li c-cekkijiet ma kienux se jissarfu u dan billi nonostante li kiteb numru ta' mowbajl fuq ic-cekkijiet kull darba li Michael Galea ipprova jcempillu ma wiegbu qatt. Dan huwa turija li l-imputat kien jaf ben tajjeb u ghamel minn kollox biex ma jigix irrintraccat mill-vittma tieghu.

Illi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju indika wkoll l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Madankollu billi l-imputat ma

kienx gie originarjament akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni ndebita l-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess billi huwa evidenti li dan gie indikat biss bi zball tant huwa hekk li anki fis-sottomissjonijiet finali t-trattazzjoni saret biss fuq l-imputazzjoni ta' frodi. Inoltre' huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li meta r-rinvju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-inqas reat wiehed, fost dawk imputati, li jaqa' taht il-kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati w anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz ta' l-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinvju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala l-awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat [Art.370(3)(c)], tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor inqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat jew bhala komplici f'dak ir-reat[8].

Illi l-imputat jinsab addebitat ukoll bir-recediva a tenur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Il-prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fil-5 ta' Dicembru 2007 mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli. Il-konnotati indikati f'din is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien ikkundannat ihallas multa ta' ghaxart elef liri Maltin. Billi ma ngabitx prova li l-multa fil-fatt thallset l-imputat se jinstab hati li huwa recediv biss a tenur tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li mhix wahda netta. Tqis ukoll li l-imputat hallas dak li kien dovut ghalkemm dan sar snin wara u billi kellu dawn il-proceduri pendenti. Madankollu anki in vista tar-rapport li thejja mill-ufficjal tal-probation minn fejn jirrizulta li l-imputat jahdem regolarment, ighix hajja stabbli u ghandu familja, fid-dawl ta' dan kollu tqis li ghandha timponi piena karcerarja li ghandha tigi sospiza. L-imputat irid jifhem li dan huwa l-ahhar cans ghalih.

[8] Il-Pulizija v. Michael Carter, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2001 u Il-Pulizija v. Peter Azzopardi, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Jannar 2005.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni indikata fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 18, 49, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u hati tat-tieni imputazzjoni biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali izda mhux a tenur tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €142.46 rapprezentanti hlas tal-ispejjez tal-espert nominat minn din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat